

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-20 ta' April 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari taż-Zemgales rajona tiesa – il-Latvja) – SIA “Sinda & V R” vs Rīgas domes Satiksmes departaments

(Kawża C-619/22 ⁽¹⁾, Sinda & V R)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) u Artikolu 94 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Rekwiżit ta' preżentazzjoni tal-kuntest leġiżlattiv tat-tilwima fil-kawża prinċipali – Rekwiżit ta' indikazzjoni tar-rabta bejn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li l-interpretazzjoni tagħhom hija mitluba u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli – Assenza ta' preċiżazzjonijiet suffiċjenti – Inammissibbiltà manifesta)

(2023/C 189/04)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

Qorti tar-rinviju

Zemgales rajona tiesa

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: SIA “Sinda & V R”

Konvenut: Rīgas domes Satiksmes departaments

Dispożittiv

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa miż-Zemgales rajona tiesa (il-Qorti Distrettwali ta' Zemgale, il-Latvja), permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Settembru 2022, hija manifestament inammissibbli.

⁽¹⁾ Data tal-preżentata: 27.9.2022

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Pajjiżi l-Baxxi) fis-16 ta' Novembru 2022 – WU vs Directie van het Centraal Bureau Rijvaardigheidsbewijzen (CBR)

(Kawża C-703/22)

(2023/C 189/05)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Raad van State

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: WU

Konvenut: Directie van het Centraal Bureau Rijvaardigheidsbewijzen (CBR)

Domandi preliminari

- 1) Il-punt 6.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan ⁽¹⁾, b'mod iktar speċifiku l-istandard tal-kamp orizzontali tal-vista biż-żewġ għajnejn ta' mill-inqas 160 grad, moqri fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna li ma tissodisfa dan l-istandard minn perspettiva medika, iżda li, skont diversi esperti mediċi, hija fil-fatt tajba sabiex issuq trakk, tista' wkoll tissodisfa dan l-istandard?
- 2) Fil-każ ta' risposta negattiva għal din id-domanda, hemm lok li ssir evalwazzjoni tal-proporzjonalità fl-ambitu tad-Direttiva dwar il-Liċenzji tas-Sewqan fil-każ individwali, anki jekk il-kriterju stipulat fil-punt 6.4 tal-Anness III tal-imsemmija direttiva ma jipprovdi għal possibbiltà ta' eżenzjoni f'dawn il-każijiet?